MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9

Il-Gimgha 23 ta' Gunju 2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsilliera s-Sinjura Maria Sultana

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

**9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sinjura Maria Sultana (Kunsilliera) ġiet skużata minħabba li kienet rikoverata l-isptar

**9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**9.2.1** Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret fi Mejju 2017.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Viċi Sindku Christopher Bruno.

**9.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**9.3.1** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ħafna lmenti mir-residenti li joqgħodu fl-inħawi tal-'Housing' ta' Triq Luigi Pisani minħabba li m'għandhomx fejn ipoġġu l-boroż tal-iskart wara li l-Kunsill iddeċieda li jwaħħal il-bankijiet fl-inħawi li kienu jintefaw dawn il-boroż.

Wara diskussjoni mill-Kunsilliera rigward il-punt imsemmi hawn fuq, il-maġġoranza qablet illi titpoġġa skip fl-inħawi biex b'hekk jitnaqqsu l-ilmenti rigward il-boroż stess bħala prova biex wieħed jara jekk tissolviex din il-problema speċjalment ta' minn joqgħod fis-sulari t'isfel minħabba li ta' fuq iniżżlu l-boroż taħt it-twieqi tagħhom.

**9.3.2** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar il-fatt illi hemm bżonn jitwaħħlu aktar 'Doggy Bins' madwar il-lokal mas-suġġeriment li kien diġa ġie mogħddi minn naħa tal-Kunsillier Pawlu Bongailas f'dawn it-toroq imsemmija hawn taħt:

Triq il-Missjoni Taljana
Triq il-Kapuċċini

Parti minn Triq Patri Mattew Sultana
Triq Luigi Pisani

9.3.3 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba biex titwaħħal mera fi Triq il-Missjoni Taljana faċċata ta' Triq il-Barklori minn resident għaliex kien qed isiba diffiċli biex joħroġ minn Triq il-Barklori.

Il-Kunsill oġġezzjona li titwaħħal din il-mera minħabba li f'din it-Triq diga hemm 'Central Strip' li tgħin is-sewwieqa joħorġu bil-galbu.

9.3.4 Is-Sindku nfurmat ukoll il-Kunsill dwar suġġeriment / ilment fuq kolonna storika li hemm fi Triq Santa Liberata ta' San Pietru u San Pawl biex tiġi restawrata għaliex qegħdin jaqaw il-ġebel minna stess.

Is-Sinjura Chircop qalet illi ser tkun qed tressaq dan is-suġġeriment lill-'Board' li hi tifforma parti minnu tar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera biex b'hekk wieħed jara x'jista jsir fuq din il-kolonna stess.

9.3.5 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar email li irċeviet dwar attivita' li ser tkun qed issir minn naħa tad-Dipartiment bl-isem ta' 'Malta Olympic Committee' fejn dawn ta' l-aħħar ser ikunu qegħdin iduru f'lokalitajiet differenti ma delegati minn barra minn Malta li għandhom x'jaqsmu max-xettru tar-Reġina.

Il-Kunsill iddeċieda li din l-informazzjoni kif ukoll kif wieħed jista jieħu sehem ser tkun qed tintbgħat lil Għaqdiet tal-lokal kif ukoll l-istess informazzjoni ser tkun qed titella fuq il-paġna tal-Kunsill fuq 'Facebook' biex jekk ikun hemm xi ħadd interessat il-Kunsill ikun il-koordinatur bejniethom.

9.3.6 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar kuntratt ġdid tal-linja tal-mobajl li għandu l-Kunsill minħabba li kien skada il- kuntratt ta' qabel.

9.3.7 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat lil Kunsill dwar email li rċeviet minn naħa tal-MCST rigward it-twaħħil ta' camera ġdida kif diġa kien ġie diskuss u miftihem f'laqgħat preċedenti. L-MCST bgħat il-kwotazzjoni lill-Kunsill kemm fil-verita ġejja tiswa din il-camera.

Il-Kunsill talab lis-Seg.Eżek. twieġeb fuq din il-kwotazzjoni fejn trid tagħmel emfasi li l-ftehim kien li l-camera kienet ser tkun qed tiġi mħallsa minn naħa tagħhom filwaqt li l-Kunsill jiġbor l-iskart tagħhom li fil-verita ilu jinġabar minn naħa tal-Kunsill.

9.3.8 Is-Sinjura Chircop preżentat email minn naħa tas-Segretarju tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp fejn dan qiegħed jitlob il-Kunsill biex jagħmel pressjoni biex jinxtel Misraħ Arċisqof Gonzi għaż-żmien tal-festa bħal kull sena.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi l-arranġamenti diġa kienu qegħdin isiru minn naħa tagħhom flimkien mal-'Foreman tal-Enemalta biex Misraħ Arċisqof Gonzi jinxtel kif qed jiġi suġġerit mill-istess Segretarju.

9.3.9 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar il- problema l-amministraturi tal-blokkok tal-'Housing' li l-Kunsill stess innomina biex jiġu rrangati l-komun ta' dawn l-istess blokkok rispettivament kif ġie diskuss aktar qabel f'Seduti preċedenti.

Il-'Housing' qiegħed jissuġerixxi li l-Kunsill għandu jkun l-amministrattur biex b'hekk isiru dawn ix-xogħlijiet la darba ma hemm ħadd interessat jieħu l-inkarigu ta' amministratur minn kull blokk.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jieħu dan l-inkarigu pero' jixtieq jikkonferma jekk hux ser ikun qed jieħu dik il-miżata li amministratur tal-blokka ikun qiegħed jieħu fis-sena.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tikkonferma il-punt imqajjem mill- Kunsilliera.

9.3.10 Is-Sinjura Chircop ressqet ilment għar-raba' darba mill-istess persuni fuq żbir ta' siġra fi Triq il-Kapuċċini mal-ġenb tal-Knisja fejn għal ħafna drabi is-Seg.Eżek. wieġbet lill dawn in-nies u pruvat tispjegalom illi s-siġra ġiet miżbura kif ġie mogħti l-permess skond il-liġi u ma tistax li tinqata aktar.

Il-Kunsill iddeċieda li jerġa jwieġeb lil dawn in-nies kif ukoll jikkopja nies responsabbli biex b'hekk kulħadd ikun informat b'dan l-ilment.

9.3.11 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat ittra minn resident li joqgħod fi Triq Patri Mattew Sultana fejn flimkien ma l-ittra dan l-istess resident ippreżenta ritratti mmarkati kif qiegħed jissuġerixxi li jsiru tabelli u sinjali ma' l-art biex jitnaqqas il- periklu għas-sewwieeqa u nies li jagħddu bil-mixi minn dawn l-inħawi.

Il-Kunsill qabel illli dan is-suġġeriment għandu jintbgħat lil TM għal gwida teknika kif ukoll approvazzjoni minn naħa tagħhom kif inhu suppost.

9.3.12Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat email minn naħa tas-Sur Liston Bongailas fejn dan ta' l-aħħar qiegħed jikkordina l-attivita' tal-annimali b'verżjoni aktar kumplessa għal din is-sena f'isem il-Kunsillier Vince Bongailas.

Is-Sur Vince Bongailas spjega l-attivitajiet li ser ikun hemm kif ukoll għarraf il-Kunsill li l-ġbir ta' flus involuti ser ikunu qed imorru għal-MCCF f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar din l-attivita' li ser tkun qed issir ix-Xatt tal-Kalkara nhar il-Gimgha 4 ta' Awwissu 2017.

9.3.13 Is-Sinjura Speranza Chircop reġgħet preżentat ittra mir- residenti li joqgħodu fil-kantuniera ta' Triq il-Ħbit mill-Ajru fejn dawn ta' l-aħħar qed jispjegaw il-periklu ta' dawn l-inħawi wara li inqalaw il-'bollards' li kien hemm fil-kantuniera tagħhom stess.

L-istess residenti emfażizzaw illi kemm il-darba ġew biex jgħaddu trakkijiet jitilgħu l-bankina u jagħmlulom ħsara fil-faċċata tagħhom stess.

Il-Kunsill neħħa dawn il-'bollards' fuq gwida ta' TM għalhekk il-Kunsill ser ikun qed jerġa jibgħat dan l-ilment lil l-istess awtorita' għal gwida aktar teknika fuq wieħed x'jista jagħmel biex jgħin il- dawn l-istess residenti li qegħdin jilmentaw formalment permezz ta' din l-ittra.

## 9.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 9.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku

a Is-Sur Chris Bruno wera id-diżappunt tiegħu fir-rigward il-laqgħa li saret aktar kmieni f'Ġunju 2017 maż-żewġ Każini tal-Banda fuq il-festa tal-lokal. Huwa qal illi wara li saħaq maż-żewġ Każini li żarmar tad-dekorazzjonijiet għandu jsir minnufih wara li tispicca l-Festa huwa qal li ħassu mheded mill-membri tal-Każini illi l-Kunsill kien qed jidher li ma jridx li jiżejjen il-lokal għax wieħed ġibed l-attenzjoni fuq il-punt ta' hawn fuq.

Is-Sur Chris Bruno saħaq illi tajjeb li l-Kunsill jenfażizza il-punt ta' hawn fuq kif ukoll jgħarraf il-Każini li jekk allaħares qatt jinqala xi ħaġa l-Kunsill mhuwiex responsabbli u kull ilment li jidhol ser ikun qed jingħata kuntatt tal-Każini stess biex ifhemu huma lin-nies xi jkun qiegħed jiġri ħalli r-residneti jkunu nfurmati.

Is-Sur Chris Bruno kif ukoll is-Sur Pawlu Bongailas ippreżentaw il-punti kollha li ġew diskussi waqt din il-laqgħa fejn is-Seg.Eżek. ser tkun qed taħdimhom u tara x'hemm bżonn għal matul il-ġimgħa tal-Festa, flimkien mas-Sur Pawlu Bongailas li avolja mhux id-dekasteru tiegħu, se jkun qed jgħin lis-Seg.Eżek.

**b.** Is-Sur Chris Bruno talab li ssir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari dwar responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onorevoli Silvio Parnis u laqgħa oħra mal-Onorevoli Robert Cutajar minn naħa tal-Oppożizzjoni resposabbli mill-Kunsilli Lokali biex b'hekk il-Kunsill ikun jista jitkellem dwar proġetti futuri għal-lokal tal-Kalkara.

**9.4.2** **Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier**

**A.** Is-Sur Pawlu Bongailas, għarraf il-Kunsill li hemm bżonn li jinxtara rigal xieraq lill-Kappillan il-ġdid fl-okkażjoni tal-Pussess tiegħu. Il-Kunsill iddeiċieda Budget ta kemm se jintnefaq fir-rigal u qabbad lis-Sur Pawlu Bongailas, biex jieħu ħsieb li jixtri l-istess rigal.

**B.** Is-Sur Palwu Bongailas saħaq illi hemm bżonn issir laqgħa mal-Pulizija kif ukoll mal-'Wardens' tal-lokal kif tgħaddi il-Festa tal-lokal minħabba raġunijiet ta' problemi kbar ta' Traffiku.

**Ċ.** Is-Sur Pawlu Bongailas, staqsa lill-Kunsill jekk kienx hemm xi żviluppi/ tweġibiet minn naħa tal-'Lands Department' fir-rigward is-sitwazzjoni tal-Berġa tal-lokal u 'premises' ġodda li l-Kunsill kien tkellem dwarhom f'laqgħa formali ma dan id-dipartiment.

Is-Sinjura Speranza Chircop ikkonfermat li kienu intbgħatu emails ta' reminders lin-nies ikkonċernati fuq din il-kwistjoni kif ukoll ġew xi nies mill-istess Dipartiment iduru l-inħawi biex jieħdu xi ritratti. Is- Sinjura Chircop ikkonfermat illi l-proċess huwa wieħed burokratiku u twil pero' l-affarijiet jidhru li qegħdin fil-proċess.

D. Is-Sur Pawlu Bongailas staqsa jekk hux se jerġa jiġi ordnat il-bukkett tal-Fjuri għal San Ġużepp, bħal ma jsir ta' kull sena. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u talab lil Pawlu Bongailas jieħu ħsieb jordnah.

E. Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tieħu ħsieb tkellem il-kuntrattur tal-iskart tal-lokal minħabba li l-boroż kollha qegħdin jinġabru tard mill-lokal u qed ikun hemm ħafna lmenti mir-residenti.

### 9.4.3 Is-Sur Vince Bongailas - Kunsillier

A Is-Sur Vince Bongailas talab li tingħata mill-ġdid iż-żebgħa tal-parkeġġi fi Triq l-Isptar Navali.

Is-Seg.Eżek. ikkonfermat li r-rifresk sar minn naħa tal-ħaddiema tal-Kunsill aktar kmieni din l-istess ġimgħa.

b. Is-Sur Vince Bongailas talab li jsir qtugħ ta' ħaxix fit-telgħa ta' Bighi. (il ftit li fadal)

Is-Seg.Eżek. ikkonfermat illi sal-ġimgħa d-dieħla stess ser ikun lest minħabba li kien hemm affarijiet li ħadu prijorita' fuq il-qtugħ ta' ħaxix peress li kienu aktar urgenti.

## 9.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 8.17 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 9.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 9.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

9.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Hamis 27 ta' Lulju 2017 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum il-Gimgha 23 ta' Gunju, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |